MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 156/2022LM

**Johannes Helmut Michael Bauer, Dr Claude-Anne Sant Fournier, Hamidreza Ghanbari, Robert Klingensmith, Luis Felipe Rivera** u **Mustafa Cetinel f'isimhom proprju u bħala diretturi ta' Pilatus Bank p.l.c. (C 62995)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellanta'] mid-deċiżjoni

tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] mogħtija fis-16 ta’ Novembru, 2022[1], [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha fuq it-talba ta’ **Johannes Helmut Michael Bauer, Dr Claude-Anne Sant Fournier, Hamidreza Ghanbari, Robert Klingensmith, Luis Felipe Rivera u Mustafa Cetinel f’isimhom proprju u bħala diretturi ta’ Pilatus Bank p.l.c. (C 62995)**[minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’], ordna li l-imsemmija Awtorità appellanta għandha tagħmel is-segwenti:

*“1. Submit the documents listed in paragraph 1 of the Application, saving those documents and/or information which refer to advice or opinions expressed or given by any legal counsel, during any of the said meetings; and*

*2. Submit the documents listed in paragraphs 2 and 3 of the Application.*

*The Tribunal, on the basis of the provisions of Article 21(10) of Chapter 330 of the Laws of Malta orders that any documents and/or information submitted in the proceedings of this Appeal are confidential in nature and may be used ONLY AND LIMITEDLY for these proceedings.”*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw appell imressaq mill-appellati quddiem it-Tribunal, sussegwenti għall-azzjoni amministrattiva meħuda mill-Awtorità appellanta fil-21 u fit-22 ta’ Marzu, 2018, fil-konfront ta’ Pilatus Bank p.l.c. liema soċjetà kienet liċenzjata mill-istess Awtorità appellanta sabiex tiġġestixxi diversi attivitajiet bħala istituzzjoni ta’ kreditu u anki bħala provditur ta’ servizzi ta’ investiment *ai termini* tal-Kap. 370 u tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[1] Id-data indikata fid-deċiżjoni tat-Tribunal hija s-16 ta’ Novembru, 2021, imma skont il-verbal tat-Tribunal id-deċiżjoni ngħatat fis-16 ta’ Novembru, 2022.

**Mertu**

3. L-appellati ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunal fit-18 ta' Mejju, 2022 fejn talbu sabiex l-Awtorità appellanta tiġi ordnata sabiex:

*"1. Dr Christopher Buttigieg and/or the Respondent Authority to exhibit the minutes of meetings of the Supervisory Council leading to the issuance of the March 2018 Directives, including the appointment of Lawrence Connell as Competent Person, and the minutes of the subsequent meetings of the Supervisory Council and the Executive Committee (which replaced the Supervisory Council) where the identification and appointment of other persons for the role of Competent Person of Pilatus Bank were discussed and decided upon;*

*2. Dr Christopher Buttigieg and/or the Respondent Auhtority to exhibit any reports and returns submitted by Lawrence Connell to the MFSA in connection with his activities qua Competent Person of Pilatus Bank; and*

*3. Mr Aldo Giordano and/or the Respondent Authority to exhibit the Public Interest Assessment Report to which Mr Giordano made reference during his testimony."*

4. L-Awtorità appellanta wieġbet fl-1 ta' Ġunju, 2022 fejn oġġezzjonat għal din it-talba għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tagħha.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Considers:*

*a. This matter was subject to a decision delivered by this Tribunal (decided 10/7/2019) and the Court of Appeal in the case FX-Cam Consulting Limited and Advertising Limited et. vs. Awtorità għas-Servizzi Finazjarji ta' Malta (Court of Appeal reference 67/2019 decided on the 3/3/21).*

*b. The Court of Appeal held:*

Il-Qorti mill-ewwel tgħid li l-argumenti miġjuba hawnhekk mill-Awtorità appellanta sabiex jinżammu lura d-dokumenti kollha rikjesti mhumiex tajbin, u dan għal żewġ raġunijiet li ser isegwu. Fl-ewwel lok il-Qorti tgħid li ma tistax l-Awtorità appellanti tippretendi li għandha tkun ġudikant hi stess, minflok it-Tribunal, dwar dawk id-dokumenti li jistgħu jiġu żvelati u dawk le ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati minnha, u dan tgħidu għaliex l-oġġezzjoni tagħha jekk tintlaqa' ser twassal għal din is-sitwazzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-argument tal-Awtorità appellanti msejjes fuq il-para. (b) tas-subartikolu 30(2) tal-Kap. 496, il-Qorti tgħid li kull persuna li esprimiet opinjoni, parir jew rakkomandazzjoni f'dawk id-dokumenti, qegħda fl-inkarigu li għandha proprju għaliex wieħed jippretendi li hija kompetenti għaliha u li hemm fiduċja fix-xogħol u fl-integrità tagħha. Jekk imbagħad il-pożizzjoni ta' dik il-persuna ma tkunx l-istess bħal dik li eventwalment ittieħdet mill-Awtorità appellanta, dik il-persuna għandha tirrispondi għall-pożizzjoni tagħha kif meħuda, indipendentment jekk hijex waħda suġġettivament tajba jew ħażina. Għalhekk il-Qorti tara li l-Awtorità appellanta b'hekk ikollha wkoll kontroll effettiv fuq l-impjegati u l-uffiċjali tagħha permezz tar-responsabbiltà li jiġu mgħobbija biha għal kliemhom u għal egħmilhom. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata u kuntrarjament għal dak li qegħda ssostni l-Awtorità appellanta, dan jista' jwassal biss sabiex l-entitajiet liċenzjati jiġu regolati u sorveljati aħjar. Dan kollu jfisser li m'hemm l-ebda lok għall-biża' fit-twettiq tal-inkarigu ta' dik il-persuna bħala impjegata jew bħala uffiċċjal tal-Awtorità appellanta kif tissuġġerixxi l-Awtorità appellanta, u li wara kollox għandha tqajjem aktar suspetti u dubji. B'hekk din il-Qorti ma tarax li hawn hu applikabbli il-para. (b) tas-subartikolu 30(2) tal-Kap. 496 kif qegħda ssostni l-Awtorità appellanta. Għal dak li jirrigwarda l-argument tagħha li fid-dokumenti rikjesti hemm ukoll informazzjoni li waslet għandha minn sorsi kunfidenzjali ta' informazzjoni u għalhekk dawn għandhom jitqiesu eżenti skond il-para. (b) tas-subartikolu 30(1), dan mhux biżżejjed sabiex iwassal lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni appellata u tilqa' l-oġġezzjoni kontra l-preżentata tad-dokumenti kollha rikjesti. Tgħid li t-talba tagħha għandha titressaq b'mod speċifiku u relatata għad-dokumenti in kwistjoni quddiem it-Tribunal li jkollu l-opportunità li jiddeċiedi dwarha. Wara kollox, il-Qorti tirrileva li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata pprovda li jekk id-dokumenti kellhomx jibqgħu aċċessibbli biss lit-Tribunal u lill-partijiet u l-avukati difensuri tagħhom, kellu jiġi determinat skont il-każ partikolari. Għalhekk l-

argumenti kollha li tressaq l-Awtorità appellanta meta tippreżenta t-tieni aggravju tagħha mhumiex ġustifikati u l-Qorti tiċħad dan l-aggravju wkoll.

c. *The Court of Appeal, then retained:*

Tgħid li l-qofol tal-kwistjoni għandha tiġi riżolta kif jirrikjedi s-subartikolu 35(2), jiġifieri jekk huwiex aktar fl-interess pubbliku li d-dokumenti jibqgħu sigrieti milli jiġu żvelati. Il-Qorti tqis li tajjeb tosserva l-Awtorità appellanta li għandu jinħoloq bilanċ bejn il-bżonn għat-trasparenza u l-bżonn li jiġu regolati s-servizz finanzjarji, sabiex b'hekk iċ-ċittadin ikollu s-serħan tal-moħħ meta jinvesti flusu. Imma l-Awtorità appellanta naqset milli tikkonvinċi lil din il-Qorti, u ċertament lit-Tribunal qabilha, għaliex fil-każ odjern il-bilanċ għand jxeqleb kontra l-bżonn tat-trasparenza. Il-Qorti terġa' tmur lura għall-argument li d-dokumenti inkwistjoni fihom informazzjoni dwar terzi, iżda għal darb'oħra l-Qorti tgħid li dan mhux biżżejjed sabiex tilqa' l-oġġezzjoni tal-Awtorità appellanta kontra l-preżentata ta' kull dokument mitlub mit-Tribunal.

*d. The Tribunal refers to the objection of the Authority as contained in its Reply of the 1st June 2022, and contends that its objection is, in principle, diametrically contrary to the reasoning of the Hon. Court of Appeal in the afore-mentioned case.*

*e. The Tribunal refers to the submissions of the parties in relation to the Decision.*

*f. The Tribunal also notes that the ECB, on 2 November 2018, pursuant to Article 4(1)(a) and Article 14(5) of Regulation No 1024/2013, adopted the decision by which it withdrew the Appellant's authorisation to take up the business of a credit institution, which decision was subject to a decision of the General Court of the 2nd February 2022 (fn. 1 Case T 27/19: https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf.jsessionid=7C14FE9C7E467F8E93D8D6A9D4959013?text=&docid=253223&pageIndex=0&doclang=en&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=594136).*

*g. From the reading of the said decision, on the 29th June 2018, the European Central Bank (ECB) received a proposal from the MFSA to withdraw the Appellant's authorisation to take up the business of a credit institution, in accordance with Article 14(5) of Council Regulation (EU) No 1024/2013 of 15 October 2013 conferring specific tasks on the ECB concerning policies relating to the prudential supervision of credit institutions (OJ 2013 L 287, p.63). On the 2nd August 2018, the MFSA submitted a revised proposal to the ECB to*

*withdraw the Appellant's authorisation to take up the business of a credit institution.*

*h. It is hence quite clear that the Appellate Authority communicated with the ECB and submitted documentation to the ECB.*

*i. Nonetheless, the Authority can't simply invoke the Decision and state that the documents requested by the Appellant have, directly or indirectly been given to the ECB, and hence should be considered as privileged in accordance with the said Decision.*

*j. The facts that lead to the decisions of the Authority which are being contested before this Tribunal are an integral part of the afore-mentioned decision of the General Court. The Tribunal notes that the ECB's decision was based, in part, on the findings of the Appellate Authority, the reports and information submitted by the Competent Person (fn. 2 See para 153 and para 157 of Case T 27/19), and also on the ECB's own assessment.*

*k. Hence, the Tribunal fails to understand how this information is not considered as pertinent to the case in question or how this information should be considered as privileged. If the ECB was able to analyse this information, and sustain its arguments before the General Court on the strength of the said information, the Appellate Authority should likewise provide this information in these current proceedings.*

*l. On the otherhand, the Tribunal does concur with the Authorty that the minutes of the proceedings of the Supervisory Council and/or Executive Council may contain reference to privileged information, such as legal advice."*

**L-Appell**

6. L-Awtorità appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u fis-6 ta' Diċembru, 2022 intavolat appell quddiem din il-Qorti fejn qegħda titlobha sabiex tirrevokaha u tannullaha, filwaqt li tiċħad it-talba tal-appellati.

7. L-appellati wieġbu fil-15 ta' Frar, 2023 fejn issottomettew li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell intavolat mill-Awtorità appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni tal-appellati, jiġifieri li l-appell odjern huwa wieħed irritu u null għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet tikkostitwixxi digriet kif kontemplat fl-artikolu 637 tal-Kap. 12, u peress li dan ma jinkwadrax fil-parametri tas-subartikolu 637(4) tal-istess liġi, ma seta' isir l-ebda appell minn tali digriet appellat għajr wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell mill-istess. Tirrileva wkoll li minkejja li r-riżervi tal-appellati jaqgħu fil-parametri tal-imsemmi subartikolu skont dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 229(4) tal-Kap. 12, il-parti aggravata għandha sitt ijiem mid-data tad-digriet appellat sabiex titlob rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni, iżda dan l-Awtorità appellanta naqset milli tagħmlu.

9. Il-Qorti tibda billi qabel xejn tikkunsidra li dak li l-Awtorità appellanta tirreferi għaliha bħala *"...deċiżjoni tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji...",* kif sewwa tikkontendi s-soċjetà appellata, filfatt huwa 'digriet'.

10. Dwar il-kwistjoni tad-distinzjoni li għandha ssir bejn digriet u sentenza, hawn għandu jiġi rilevat li din il-Qorti kif diversament preseduta diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Brian Galea et *vs.* Adam Cilia et**[2], fejn sar riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju, 2002, fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe *vs* Adrian Busietta pro et noe**[3]:

> *"Illi m'hemmx dubju li d-distinzjoni bejn degriet u sentenza għadha tiswa sal-lum il-ġurnata. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali,*

[2] App. Inf. 165/18, deċiż fil-11.03.20.
[3] P.A. 133/01JRM.

*il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk dawn jagħlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'Awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet (fn. 4 Ara Prof. Caruana Notes on Civil Procedure paġ. 1419; Mattirolo Diritto Giudiziario, Vol. IV, pp16-7; u Mortara Digesto Italiano Vol XXI (voce " Sentenza Civile"), paġ. 450 ff) Kif ingħad b'Awtorità (fn. 5 App. ~iv.* ***29.4.1925*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Tabone vs Borg Olivier*** *(Kollez. Vol:* ***XXVI.i.115****), dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha, fis-sens ta'* quando terminat negotium de quo agitur*, u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-mertu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-imħarrek milli joqgħod fil-kawża. Min-naħa l-oħra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza;"*[4]

11. Fil-każ odjern jirriżulta biċ-ċar li l-provvediment tat-Tribunal m'għalaq l-ebda kwistjoni dwar il-mertu, u lanqas ħeles lill-Awtorità appellanta milli toqgħod fil-kawża. Il-kwistjoni li ġiet deċiża tittratta l-preżentata ta' diversi dokumenti, liema kwistjoni qamet waqt l-andament tas-smigħ tal-appell imressaq mis-soċjetà appellata quddiem it-Tribunal, iżda li bl-ebda mod ma ddeċidiet il-mertu jew parti minnu. Fattur inekwivoku li juri li l-provvediment għandu jiġi kkunsidrat bħala digriet u mhux sentenza, huwa proprju l-intestatura tad-dokument tiegħu fejn it-Tribunal b'mod ċar u espress indika li dak li ser isegwi huwa *'**Tribunal Decree**'*. L-istess referenza tintuża fil-verbal tat-Tribunal tal-jum fejn ingħata l-imsemmi provvediment. Għaldaqstant m'hemm l-ebda dubju li dakinhar it-Tribunal ta biss digriet u mhux sentenza.

[4] Ara wkoll App.Krim. 190/01VDG, Il-Pulizija vs Alex Portelli, 03.12.01.

12. Il-Kap. 330 huwa sieket dwar jekk għandhomx ikunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 fir-rigward tal-proċedura quddiem it-Tribunal, u dan filwaqt li l-artikolu 21 tiegħu jipprovdi dwar diversi aspetti ta' dik il-proċedura. Il-Qorti tgħid li dan ma jfissirx li l-leġislatur bi żvista naqas li jikkunsidra aspetti oħra tal-proċedura, għaliex fil-fehma tagħha l-intendiment tiegħu kien li fejn jieqfu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 għandhom jiġu applikati dawk tal-Kap. 12, u f'dan il-każ partikolari dawk tal-artikolu 229 tiegħu.

13. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar li l-Awtorità appellanta naqset milli ssegwi l-proċedura li jipprovdi għaliha l-imsemmi artikolu, jiġifieri dik imfissra mis-subartikoli (3) u (4) tiegħu skont il-każ. Għaldaqstant il-Qorti tqis li b'hekk l-imsemmija Awtorità appellanta ddekadiet mid-dritt tagħha li tressaq appell mid-digriet appellat u l-appell odjern huwa rritu u null.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell tal-Awtorità appellanta huwa rritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**